Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2240(INI)

20.11.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-70 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (2025/2240(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

Rapporteur: Lina Gálvez

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-70 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa
(2025/2240(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra s-70 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa, skedata għal Marzu 2026, li t-titolu tat-tema ta' prijorità tagħha huwa "Niżguraw u nsaħħu l-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa u għall-bniet kollha, inkluż billi nippromwovu sistemi legali inklużivi u ekwi, neliminaw il-liġijiet, il-politiki u l-prattiki diskriminatorji, u nindirizzaw l-ostakli strutturali" u t-titolu tat-tema ta' rieżami tagħha huwa "Il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ħajja pubblika, kif ukoll l-eliminazzjoni tal-vjolenza, biex jinkisbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha",

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, jiġifieri l-prinċipju li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" u, b'mod partikolari, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5, li jfittex li jikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiżgura li n-nisa jkollhom drittijiet ugwali għar-riżorsi ekonomiċi, kif ukoll aċċess għal sjieda u kontroll fuq l-art u forom oħra ta' proprjetà, servizzi finanzjarji, wirt u riżorsi naturali, u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 10, li jfittex li jelimina l-liġijiet, il-politiki u l-prattiki diskriminatorji, u jippromwovi leġiżlazzjoni, politiki u azzjoni xierqa,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 20, 21, 23 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III – Aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017), li tiddeskrivi l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-perjodu 2021–2025,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" (COM(2025)0097), li tafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020–2025 (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill

2001/220/ĠAI[1],

– wara li kkunsidra l-Programm tal-Kummissjoni dwar il-Ġustizzja għall-2021–2027, li jipprovdi finanzjament biex jappoġġja l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, bħat-taħriġ għall-imħallfin u għal professjonisti legali oħra, u aċċess effettiv għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u għan-negozji,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (A10-0000/2025),

A. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-UE; billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ intersezzjonali għandhom jiġu implimentati u integrati fil-politiki kollha tal-UE; billi l-politiki interni u esterni għandhom jibqgħu konsistenti u koerenti sabiex tiġi żgurata l-promozzjoni effettiva u kredibbli tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja;

B. billi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhumiex biss drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda huma wkoll prekundizzjonijiet għall-avvanz tal-iżvilupp tal-bniedem, għat-tnaqqis tal-faqar u għall-bini ta' pedament meħtieġ għal dinja paċifika, prospera u sostenibbli;

C. billi l-aċċess għall-ġustizzja huwa rikonoxxut b'mod wiesa' bħala dritt fundamentali tal-bniedem skont id-dritt internazzjonali, kunċett ewlieni fil-qasam usa' tal-ġustizzja, u ġebla tax-xewka għall-istat tad-dritt u d-demokrazija; billi l-UE tirrikonoxxi l-aċċess għall-ġustizzja bħala dritt fundamentali skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

D. billi l-kwistjoni tal-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa għadha waħda kumplessa u kritika fir-reġjuni kollha tad-dinja;

E. billi, madwar id-dinja, in-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti fl-ogħla livelli tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija bħal presidenti tal-qrati, prim imħallfin u kapijiet ta' uffiċċji tal-prosekuzzjoni;

F. billi n-NU jippromwovu b'mod attiv il-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-settur tal-ġustizzja, permezz ta' inizjattivi u kampanji dedikati; billi r-rappreżentanza akbar tan-nisa fl-istituzzjonijiet ġudizzjarji ġiet assoċjata mal-promozzjoni ta' approċċi lejn il-ġustizzja aktar iffokati fuq il-vittmi;

[1] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj.

G. billi l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jikkostitwixxu vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali; billi s-sistemi legali jridu jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru billi jiżguraw protezzjoni u rimedji adegwati; billi ħafna nisa għadhom jiffaċċjaw ostakli sostanzjali biex jirrapportaw l-abbuż u jaċċessaw l-appoġġ legali;

H. billi l-istereotipar ġudizzjarju u n-normi tal-ġeneru prevalenti jistgħu jfixklu l-ġustizzja għan-nisa li huma vittmi u superstiti tal-vjolenza;

1. Jirrakkomanda li l-Kunsill:

(a) jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-UE favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiżgura li d-drittijiet tan-nisa jiġu implimentati bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE permezz ta' approċċ iffinanzjat b'mod adegwat, trasformattiv fir-rigward tal-ġeneru, inklużiv u intersezzjonali;

(b) jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament u tal-Kumitat tiegħu għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet rigward il-pożizzjoni tal-UE fis-70 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa; jiżgura li l-Parlament ikollu informazzjoni adegwata u aċċess għad-dokument ta' pożizzjoni tal-UE qabel in-negozjati; itejjeb aktar il-kooperazzjoni interistituzzjonali, inkluż matul in-negozjati, sabiex il-prijoritajiet tal-Parlament jiġu inkorporati kif xieraq;

(c) iwiegħed l-appoġġ qawwi tiegħu għall-ħidma ta' UN Women, li hija attur ċentrali fis-sistema tan-NU għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom u għat-tlaqqigħ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex tiġi ġġenerata bidla fil-politika u jiġu kkoordinati l-azzjonijiet; jistieden lill-istati membri kollha tan-NU, flimkien mal-UE, jiżguraw finanzjament adegwat għal UN Women;

(d) jiżgura li l-istrumenti Ewropej u internazzjonali jkunu komplementari u ambizzjużi, b'dispożizzjonijiet robusti u sostantivi li jagħtu s-setgħa lin-nisa u jiggarantixxu l-aċċess għall-ġustizzja, filwaqt li jqies li d-dritt għall-għajnuna legali huwa essenzjali f'dan ir-rigward; jiżgura li l-UE turi tmexxija b'saħħitha u tadotta pożizzjoni unifikata dwar sistemi ġudizzjarji inklużivi u imparzjali aċċessibbli għal kulħadd, b'mod partikolari l-gruppi ta' nisa żvantaġġati u vulnerabbli li spiss jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw il-ġustizzja minħabba lakuni fil-kapaċità istituzzjonali, raġunijiet soċjokulturali u diskriminazzjoni; jeżamina l-implimentazzjoni ta' qrati speċifiċi għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jippromwovi oqfsa legali komprensivi li jipproteġu d-drittijiet tan-nisa u jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tan-nisa kemm skont id-dritt nazzjonali kif ukoll skont dak internazzjonali;

(e) japplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru għall-oqsma kollha ta' politika tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istati jallokaw finanzjament suffiċjenti għal servizzi ta' appoġġ u għajnuna legali li jirrispondu għall-kwistjonijiet tal-ġeneru, speċjalment għas-superstiti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u aċċess suffiċjenti għall-kumpens, peress li l-ostakli eżistenti jaffettwaw b'mod sproporzjonat l-aċċess tan-nisa għall-ġustizzja;

(f) jaċċellera l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali favur il-prevenzjoni ulterjuri tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u r-rispons għal tali

vjolenza, kemm fl-isferi pubbliċi kif ukoll f'dawk privati, inklużi l-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ furzat, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, l-online stalking, il-fastidju online, il-flashing online u l-inċitament online għall-vjolenza jew għall-mibegħda;

g) jieħu azzjoni biex jimplimenta bis-sħiħ l-impenji eżistenti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tan-nisa fuq bażi ugwali mal-irġiel, mingħajr diskriminazzjoni, biex javvanzaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika;

(h) jisħaq li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma essenzjali għall-istat tad-dritt, għal demokraziji reżiljenti u inklużivi, u għall-valuri ewlenin tal-UE; jenfasizza li huwa deplorabbli li miljuni ta' nisa u bniet, speċjalment f'kuntesti ta' kunflitt u spostament, ikomplu jiffaċċjaw diskriminazzjoni, vjolenza u ċ-ċaħda tad-dinjità tagħhom u tal-kapaċità tagħhom li jieħdu azzjoni; itenni li l-istupru għadu huwa waħda mill-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar mifruxa fuq livell globali; jisħaq fuq l-importanza ta' leġiżlazzjoni dwar l-istupru bbażata fuq il-kunsens;

(i) jippromwovi r-rappreżentanza tan-nisa fi ħdan il-ġudikatura u l-korpi governattivi tagħha bil-ħsieb li jitneħħew l-ostakli strutturali pperpetwati minn sistema ġudizzjarja patrijarkali u androċentrika;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem.

NOTA SPJEGATTIVA

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hi prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ intersezzjonali jridu jiġu implimentati u integrati fil-politiki kollha tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-azzjoni interna u esterna sabiex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja. Id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhumiex biss drittijiet fundamentali, iżda huma wkoll prekundizzjonijiet għall-iżvilupp, għat-tnaqqis tal-faqar, u għall-bini ta' soċjetajiet paċifiċi, prosperi u sostenibbli.

L-aċċess għall-ġustizzja, minqux fid-dritt internazzjonali u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huwa ċentrali għall-istat tad-dritt u għad-demokrazija. Minkejja dan, il-kwistjoni tal-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa għadha waħda kumplessa u kritika fir-reġjuni kollha. In-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti fl-ogħla livelli tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni, speċjalment f'pożizzjonijiet ta' tmexxija bħal presidenti tal-qrati, prim imħallfin u kapijiet ta' uffiċċji tal-prosekuzzjoni. Fl-istess ħin, l-istereotipar ġudizzjarju u n-normi tal-ġeneru prevalenti jfixklu l-ġustizzja għan-nisa li huma vittmi u superstiti tal-vjolenza.

In-Nazzjonijiet Uniti ppromwovew parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-settur tal-ġustizzja, u l-evidenza turi li r-rappreżentanza akbar tan-nisa fi ħdan l-istituzzjonijiet ġudizzjarji tippromwovi approċċi lejn il-ġustizzja aktar iffokati fuq il-vittmi. Dan hu partikolarment rilevanti għall-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, li jikkostitwixxu vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali. Is-sistemi legali jridu jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-vittmi billi jiżguraw protezzjoni u rimedji adegwati, iżda ħafna nisa għadhom jiffaċċjaw ostakli sostanzjali biex jirrapportaw l-abbuż u jaċċessaw l-appoġġ legali. Għal ħafna nisa u bniet, b'mod partikolari dawk li jiffaċċjaw forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, is-sistema ġudizzjarja hija nieqsa mis-sensittività għar-realtajiet ta' gruppi vulnerabbli.

Din ir-rakkomandazzjoni tappella lill-Kunsill biex jikkonferma mill-ġdid l-impenn tal-UE favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex jiżgura li d-drittijiet tan-nisa jiġu implimentati bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE permezz ta' approċċ inklużiv, intersezzjonali u ffinanzjat b'mod adegwat. Tisħaq ukoll il-ħtieġa li l-Parlament u l-Kumitat tiegħu għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jkunu involuti bis-sħiħ fit-tiswir tal-pożizzjoni tal-UE fis-70 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa.

Ir-rakkomandazzjoni twiegħed ukoll appoġġ qawwi għal UN Women bħala l-attur ċentrali fi ħdan is-sistema tan-NU għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa u tappella lill-istati membri kollha tan-NU, flimkien mal-UE, biex jipprovdu finanzjament adegwat. Tissottolinja l-importanza ta' strumenti Ewropej u internazzjonali ambizzjuži u komplementari, b'dispożizzjonijiet robusti li jiggarantixxu t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-aċċess għall-ġustizzja, inklużi l-aċċess għall-għajnuna legali u l-konsiderazzjoni ta' qrati speċjalizzati għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa permezz ta' sistemi ġudizzjarji effettivi twitti t-triq għal soċjetajiet aktar ġusti, f'konformità mal-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (SDG16).

Fl-aħħar nett, ir-rakkomandazzjoni tenfasizza l-ħtieġa tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-oqsma ta' politika kollha tal-UE, biex jiġu aċċellerati l-

impenji internazzjonali għal favur il-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u biex tiġi promossa r-rappreżentanza ugwali tan-nisa fil-ġudikatura. Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma essenzjali għall-istat tad-dritt, għal demokraziji reżiljenti, u għall-valuri ewlenin tal-UE, u l-Unjoni jeħtiġilha turi sens ta' tmexxija biex tiżgura li dawn id-drittijiet jiġu ggarantiti fil-prattika. L-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd huwa kruċjali għal soċjetajiet ġusti u inklużivi, u prekundizzjoni għall-ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.